# Memorandum għall-Partiti Politiċi

# Elezzjoni Ġenerali 2012 / 2013

Malta Union of Teachers

Awwissu 2012

## Werrej


Punti ta' Prinċipju ........................................ 5

L-Edukazzjoni bħala struttura fuq tliet pilastri – Edukazzjoni fl-Iskola, fid-Dar u fil-Komunita` ........ 5

Il-Politika u l-Edukazzjoni – Politika Matura li tixraq lil Pajjiżna ........ 6

Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu ........ 7

Esperjenza fil-karriera tinġarr, taħdem ma' min taħdem ........ 8

Leġislazzjoni Xierqa fuq Cyber Bullying u bullying fuq il-post tax-Xogħol ........ 8

L-opinjoni pubblika u l-gradi tal-għalliema – Dinjita` xierqa lejn l-edukaturi ........ 8

Kundizzjonijiet tax-Xogħol – Ambjent Aħjar biex Uliedna Tassew Jirnexxu Lkoll ........ 9

- Salarji u Allowances ........ 9
- Femminizzazzjoni tal-professjonijiet edukattivi ........ 9
- Taħriġ għall-edukaturi ........ 9
- Xogħol amministrattiv ........ 10
- Servizz Peripatetiku ........ 10
- Riżorsi ........ 10
- Ambjent tax-xogħol ........ 10
- Spazju għall-istudenti ........ 10
- Spazju għall-edukaturi ........ 11
- Spazju kurrikulari għal attivitajiet extra kurrikulari ........ 11
- Co-Education ........ 11
- Uniformijiet ........ 11
- Saħħa u Sigurta` Fuq il-Post tax-Xogħol ........ 11

L-Edukazzjoni u l-Istatistika – L-istatistika isservi l-edukazzjoni u mhux viċi versa. ........ 12

Għawdex – Niżguraw li l-iskejjel kollha Għawdxin ikollhom l-istess benefiċċji bħal dawk Maltin ........ 13

Il-Pensjonijiet u l-Irtirar ........ 13

Suġġerimenti ........ 15

Kwalifiċi ........ 15

Universita` Oħra ........ 15

Sapport u Awtonomija fl-Iskejjel ........ 16

Edukazzjoni obbligatorja – Riforma wkoll ġol-klassi, fejn l-iktar hemm bżonnha ........ 16

Trasparenza u ġustizzja fl-applikazzjonijiet interni ........ 17

Il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST)....................17
L-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS)....................17
Skejjel tal-iStat....................18
Skejjel tal-Knisja u Indipendenti....................18
Riformi....................19
Ħaddiema maż-Żgħażagħ (Youth Workers) fil-Komunita`....................19
Studenti b'Imġiba Diffiċli – Każijiet fejn l-Inklużjoni Tfalli....................20
Suġġetti Vokazzjonali u Alternattivi....................21
Għeluq....................22

# Introduzzjoni

Sa mill-1919 il-Malta Union of Teachers dejjem kienet pro-attiva fil-qasam edukattiv ta' pajjiżna u kienet xprun għal ħafna mill-progress u mill-ideat li ġew imwettqa matul is-snin għall-benefiċċju tal-istudenti Maltin u Għawdxin. Ir-rwol doppju tal-Union, dak trejdunjonistiku u dak professjonali, ifisser li l-Union dejjem għamlet minn kollox biex tmexxi 'l quddiem mhux biss il-professjonijiet diversi li tirrappreżenta, iżda wkoll l-esperjenza edukattiva tal-istudent, mill-Kindergarten sal-Universita`.

## L-Edukazzjoni bħala struttura fuq tliet pilastri – Edukazzjoni fl-Iskola, fid-Dar u fil-Komunita`

F'pajjiż fejn hawn fissazzjoni fuq riżultati u eżamijiet, kultant ninsew li l-edukazzjoni hi mibnija fuq tliet pilastri importanti. L-edukazzjoni mhix biss l-iskola. Anzi, riċerka akkademika turi li l-ikbar impatt fuq il-formazzjoni tat-tfal jiġi mill-familja. Madanakollu meta ffaċċjati b'riżultati inkwetanti fuq livell internazzjonali, it-tendenza tal-politiċi hi li jippruvaw itejbu u jagħmlu riformi kontra riformi fis-sistema edukattiva. Għaldaqstant qed noħolqu xenarju fejn filwaqt li dejjem qed nindirizzaw pilastru wieħed, ħafna drabi qed ninsew nindirizzaw il-pilastri l-oħrajn.

Wasal iż-żmien fejn l-awtoritajiet jaħsbu bis-serjeta` dwar x'qed jiġri mit-tfal barra l-ħin tal-iskola, u x'valur ta' edukazzjoni qed jieħdu mid-dar, mit-triq u minn xenarji oħra li forsi nvoluti fihom. Wasal iż-żmien li nirresponsabbilizzaw lill-ġenituri bl-edukazzjoni ta' uliedhom. Hemm bżonn li jsir taħriġ ta' ħiliet lill-ġenituri u dan it-taħriġ għandu jintrabat mal-ħlas taċ-"children's allowance" jew benefiċċji soċjali oħra. Ma jistax ikun nibqgħu ngħixu f'sitwazzjoni fejn l-iskejjel tagħna qed jippruvaw jilħqu lit-tfal kollha u mbagħad nippermettu li dan ix-xogħol jinħatt hekk kif xi tfal joħorġu mill-bieb tal-iskola 'l barra. L-iskejjel għandhom jingħataw l-għodda meħtieġa biex jindikaw tfal li jkun jidher ċar li għandhom problemi soċjali severi biex dawn il-każijiet jiġu investigati minnufih u tittieħed azzjoni malajr. Il-Kulleġġi tal-iStat għandhom jingħataw *social workers* biżżejjed biex ilaħħqu ma' dawn il-każijiet u jaħdmu magħhom fil-kuntest ta' familja u mhux biss għall-assentejiżmu, filwaqt li skejjel tal-Knisja u indipendenti għandhom jingħataw ukoll riżorsi għal dan il-għan.

Meta wieħed iqis li iktar minn 50% tal-edukazzjoni u l-formazzjoni tal-persuna jiġu mill-ambjent familjari irridu nirrikonoxxu li allura anke l-ġenituri għandhom bżonn ta' "Continuous Professional Development". Wasal iż-żmien li narmaw lill-ġenituri bil-ħiliet u l-għodda meħtieġa biex ipoġġu lil uliedhom fiċ-ċentru ta' ħajjithom u fl-investimenti li jagħmlu u biex ikunu kapaċi jgħinuhom fejn hu possibbli tul tfulithom.

Wasal iż-żmien ukoll li naraw li noħolqu ambjenti xierqa fejn it-tfal tagħna jieħdu edukazzjoni informali ta' valur u naraw li dawk l-għaqdiet li diġa` qed joffru tali servizzi, ikunu qed joffru esperjenzi li lit-tfal jarmawhom bil-ħiliet bażiċi li għandhom bżonn biex ikunu kapaċi jaffrontaw sitwazzjonijiet differenti fil-ħajja u jkunu kapaċi jieħdu dawk id-deċiżjonijiet li jkunu fl-aħjar interess tagħhom u tas-soċjeta` ta' madwarhom.

Hemm bżonn ukoll li kull min jaħdem mat-tfal barra l-ħinijiet tal-iskola, bħal xufiera, *coaches* tal-isport u diversi persuni oħra, jitħarrġu u jkunu regolati biex jaħdmu kif xieraq ma' minorenni.

Fil-frattemp, jekk hemm riforma li għandha ssir fl-edukazzjoni, għandna nitbiegħdu minn ħafna sillabi preskrittivi ma jispiċċaw qatt li fihom norbtu idejn l-għalliema tagħna u ndaħħlu struttura li tixpruna lit-tfal Maltin jiksbu independenza intelletwali, inizjattiva favur ir-riċerka u ħiliet soċjali rfinati li jgħinuhom jiffaċċjaw sitwazzjonijiet diffiċli anke barra mill-iskola.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, l-MUT ilha żmien twil tħeġġeġ lill-Gvern sabiex jgħin biex titwaqqaf għaqda tal-ġenituri. Għaqdiet tal-ġenituri barra minn Malta mhux biss jgħinu fil-ħtiġijiet tat-tfal iżda jkunu wkoll ta' appoġġ biex jiġu megħjuna diversi ġenituri fil-bżonn. Għaqdiet bħal dawn barra minn pajjiżna servew ta' ġid ħolistiku għas-sistema edukattiva. Dan sabiex ikun assigurat li leħen it-tfal u l-ġenituri tagħhom qed jinstema'.

## Il-Politika u l-Edukazzjoni – Politika Matura li tixraq lil Pajjiżna

Meta wieħed jiftakar li sal-lum l-ikbar u l-unika riżorsa li għandu pajjiżna hi r-riżorsa umana, l-MUT dejjem emmnet li l-edukazzjoni m'għandha qatt tkun vittma ta' aġendi partiġġjani ta' xi partit. Il-Union temmen li għandu jitwaqqaf kumitat permanenti li jinkludi fih il-partijiet kollha konċernati bla ebda esklużjoni, li fih tiġi diskussa l-politika dwar l-edukazzjoni. F'dan il-kumitat, il-membri għandhom jiddiskutu u jaslu fi ftehim bejniethom dwar x'inhuma l-aħjar għażliet politiċi għal pajjiżna. Meta l-

edukazzjoni tispiċċa ballun politiku, bħal ma spiss jiġri qabel l-elezzjonijiet, l-ikbar telliefa jkunu t-tfal / l-istudenti.

## Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu

Il-Kurrikulu huwa għodda essenzjali li tagħti direzzjoni u sens ta' tmexxija filwaqt li tistimola l-kreattivita` tal-imsieħba fil-qasam edukattiv. Il-Qafas tal-Kurrikulu huwa grupp ta' suġġetti jew temi li jingħaqdu ma' xulxin skont kriterji li jiġu maqbula minn qabel. Għaldaqstant, is-sehem tal-edukaturi u l-gradi kollha tal-għalliema li qed jagħtu servizz fil-qasam edukattiv huwa essenzjali kemm meta jkun qed jitfassal id-dokument, kif ukoll matul it-tħaddim tiegħu fil-klassi.

Id-dokument tal-kurrikulu għandu jinkludi r-razzjonal jew pjattaforma, l-għan u l-parametri tal-istess dokument, l-għanijiet li jridu jintleħqu permezz tas-suġġetti jew it-temi, mezz ta' kif jistgħu jiġu evalwati s-suġġetti, kif ukoll l-iżvilupp li jista' jirriżulta fil-futur qrib. Dawn il-fatturi ma jistgħux jiġu determinati minn xi bord imqabbad apposta sabiex iħejji l-kurrikulu u li wara jmur jinforma lill-edukaturi u lill-imsieħba dwar il-bażi ta' dan id-dokument. Din mhix konsultazzjoni.

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet li għalihom jitħejja dan id-dokument, għandu jkun hemm relazzjoni diretta bejn it-teorija u l-prattika, informazzjoni aġġornata dwar il-pedagoġija, it-tagħlim, u r-riżorsi. Il-kurrikulu għandu jibqa' meqjus bħala kurrikulu minimu u mhux minflok, isir preskrizzjoni dettaljata ta' x'għandu jsir fil-klassi. Jekk isir hekk, il-kurrikulu ma jkun xejn ħlief strument sabiex l-awtoritajiet ċentralizzati jew deċentralizzati jikkontrollaw is-sistema minn fuq għal isfel mingħajr ma' jadattaw il-kurrikulu għall-ħtiġijiet individwali tal-iskejjel u-realtajiet individwali tal-istudenti.

## Esperjenza fil-karriera tinġarr, taħdem ma' min taħdem

Hu ta' għib għal pajjiżna li l-iStat, bħala mudell u wieħed mill-*employers* ewlenin f'pajjiżna, għadu ma sabx mezz ta' kif jirrikonoxxi l-esperjenza li rekluti jkollhom fix-xogħol li jkunu applikaw għalih. Sfortunatament, għadna sal-lum f'sitwazzjoni fejn il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku għadha mifnija b'regolamenti u sistemi operattivi li llum huma skaduti u m'għadhomx japplikaw. Minflok, nippruvaw intejbu dak li hemm sabiex inkunu iktar ġusti, nibqgħu niddefendu regolamenti arkajċi li ilhom li tneħħew mill-kumplament tal-Ewropa snin twal.

L-MUT tinsisti li l-iStat għandu jirrikonoxxi l-esperjenza ta' dak li jkun qed japplika għal xogħol miegħu u jitpoġġa fis-salarju tal-paga li jixraqlu.

## Leġislazzjoni Xierqa fuq Cyber Bullying u bullying fuq il-post tax-Xogħol

Bl-avvanzi kbar li għamlet it-teknoloġija llum, hemm bżonn li jkun hemm leġislazzjoni ċara u definittiva biex jiġu protetti t-tfal kollha kif ukoll l-edukaturi li jaħdmu magħhom mill-fenomenu ta' *Cyber Bullying*. Għalkemm hu apprezzat il-fatt li l-Pulizija ta' Malta qed tagħmel dak kollu possibbli biex tinvestiga u tieħu passi konkreti f'ċirkostanzi simili, hu nnutat li fid-dawl tal-fatt li leġislazzjoni fuq dan is-suġġett hija nieqsa, dan jista' jwassal biex ikun hemm ambigwita`. L-MUT tħeġġeġ ukoll lill-politiċi Maltin biex jagħmlu atti leġislattivi ċari u speċifiċi fuq *bullying* fuq il-post tax-xogħol. Barra minn dan, l-MUT tħeġġeġ ukoll biex fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, aċċessibbli għall-edukaturi kollha Maltin u Għawdxin fi kwalunkwe` settur, ikun hemm taqsima li tagħti appoġġ multi-dixxiplinarju lill-vittmi ta' tali abbuż.

## L-opinjoni pubblika u l-gradi tal-għalliema – Dinjita` xierqa lejn l-edukaturi

Meta wieħed iqis li dal-pajjiż jiddependi biss mir-riżorsi umani, l-edukaturi huma l-futur ta' pajjiżna u għaldaqstant jixirqilhom kull rispett. Matul is-snin diversi edukaturi sofrew daqqa ta' ħarta f'dik li hija opinjoni pubblika u stima professjonali. Din is-sitwazzjoni ġiet fis-seħħ għal diversi raġunijiet, iżda żgur li

waħda mir-raġunijiet li tispikka hi li matul l-istorja riċenti ta' pajjiżna mhux dejjem kellna politiċi u opinjonisti li ġabu rispett lil dawn il-professjonisti. Barra minn dan, l-attakki minn xi partijiet mill-media u stqarrijiet pubbliċi li saru kull meta l-Union kellha konfront mal-Gvern jew ma' xi entita` pubblika, ftit li xejn għenu. Minflok, imminaw l-integrita` u l-professjonalita` tal-gradi kollha tal-għalliema. Il-Union tistenna li l-politiċi Maltin kollha jġibu iktar rispett lejn l-edukaturi tagħna u f'każ ta' konfront mal-Union ikollhom il-kuraġġ li jindirizzaw il-problema li nħolqot. Dan flok li jsiru attentati biex tiġi manipulata l-opinjoni pubblika. L-MUT tistenna li, kif ġara f'pajjiżi oħra li aħna nħarsu lejhom bħala eżempju edukattiv, il-Gvern jagħmel minn kollox biex issir kampanja nazzjonali għall-promozzjoni tal-immaġni tal-professjonisti kollha fil-kamp edukattiv.

## Kundizzjonijiet tax-Xogħol – Ambjent Aħjar biex Uliedna Tassew Jirnexxu Lkoll

Meta wieħed jara l-aspett ħolistiku tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-edukaturi Maltin u Għawdxin, iridu jiġu meqjusa ħafna aspetti li kultant ftit li xejn jingħataw kas.

- **Salarji u Allowances** – Għalkemm f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari bejn l-2007 u l-2010, sar ċertu titjib f'dak li hu ħlas, l-edukaturi Maltin xorta għadhom f'diskrepanzi notevoli meta mqabbla ma' pajjiżi oħra Ewropej, li bħalna huma kkunsidrati bħala fl-Ewropa tal-Punent. Dan ifisser li dejjem iktar edukaturi qed iħallu xtutna biex isibu xogħlijiet oħra f'pajjiżi barranin, jew inkella jsibu xogħlijiet li mhumiex relatati mal-edukazzjoni.

- **Femminizzazzjoni tal-professjonijiet edukattivi** – Il-fatt li l-maġġoranza stravaganti tal-edukaturi Maltin huma nisa, hu sinjal tajjeb għall-finijiet tar-rwol tan-nisa fis-soċjeta`. Iżda l-fatt li l-figura maskili naqset ħafna mill-iskejjel tagħna, jista' jkun ta' detriment għall-iżvilupp ħolistiku tal-istudenti. Għandu għalhekk jiġi eżaminat x'jista' jattira iktar irġiel biex jaħdmu f'dawn il-professjonijiet.

- **Taħriġ għall-edukaturi** – Hemm bżonn ta' ħafna investiment u taħriġ għall-edukaturi tagħna sabiex ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għall-metodoloġiji ġodda li qed ikunu mitluba jużaw. Hemm bżonn li jsiru inċentivi xierqa sabiex l-edukaturi tagħna jitħajru jfittxu iktar

taħriġ u studju. Ma nistgħux nibqgħu nimponu sistemi ġodda u nippretendu li kulħadd għandu l-ħin u r-riżorsi biex jadatta ruħu għalihom.

- **Xogħol amministrattiv** – L-edukaturi tagħna ta' kull sena dejjem qed jitgħabbew b'iktar xogħol klerikali. Dan qed ifisser li ħafna ħin qed ikun mitluf f'mili ta' formoli, kontrolli, u statistiċi, liema ħin jista' jiġi ddedikat aħjar għall-istudenti u l-iżvilupp tagħhom. Ix-xogħol klerikali qed jaljena lill-professjonisti mill-missjoni ewlenija tagħhom u qed idejjaq ħafna nies li ma kinux joħolmu li se jsibu quddiemhom dawn ir-realtajiet. Ma' dan jiżdied il-fatt li minkejja l-bżonn kroniku ta' iktar amministraturi, in-numru ta' Assistenti Kapijiet baqa' l-istess f'kull skola, realta` li teħtieġ tkun indirizzata b'urġenza.

- **Servizz Peripatetiku** – Għandu jiġi żgurat li s-Servizz Peripatetiku fl-iskejjel tagħna jitħares u jiġi estiż. Għal snin twal, dan is-servizz mhux biss offra lill-istudenti tagħna suġġetti alternattivi u ta' kreattivita`, iżda offra opportunitajiet għall-għalliema tagħna biex ikun hemm element ta' *job mobility.* Għaldaqstant, dan is-servizz qed iservi żewġ funzjonijiet vitali liema funzjonijiet ma jistgħux jiġu injorati u mwarrba.

- **Riżorsi** – Għandu jiġi żgurat li l-edukaturi kollha jkollhom ir-riżorsi kollha meħtieġa. Ma nistgħux nivvintaw sistemi ġodda u nippretendu li kulħadd jivvinta r-riżorsi tiegħu hu biex jaqbel mas-sistemi. Meta jiġu introdotti sistemi jew riformi f'kull livell, l-edukaturi għandhom jingħataw l-għodda kollha meħtieġa biex jaħdmu.

- **Ambjent tax-xogħol** – Għandu jsir sforz bla dewmien biex jitjieb l-ambjent tax-xogħol fl-iskejjel, speċjalment dawk il-binjiet li għandhom ċertu żmien. Ma jistax ikun, iktar u iktar għall-istudenti, li fis-sajf u fix-xitwa jkun hemm temperaturi estremi ġewwa l-klassijiet u l-binjiet. L-Unjoni Ewropea diġa` tat linji gwida dwar dan, li konvenjentament qed jiġu injorati. Iktar u iktar, ma jistax ikun li f'xi skejjel jinqata' d-dawl meta jinxtegħlu l-*heaters* fix-xitwa, l-għodda teknoloġika jew il-fannijiet fis-sajf. Iktar minn hekk, għad għandna numru ta' skejjel li mhumiex mgħammra b'dan it-tip ta' apparat. Ma' dan jiżdied il-bżonn ta' manutenzjoni kontinwa u serja fuq il-binjiet ġodda.

- **Spazju għall-istudenti** – Il-Gvern għandu jiżgura li jkun hu l-ewwel wieħed li josserva l-liġijiet tiegħu stess f'dak li hu spazju għall-istudenti fil-klassijiet, fil-btieħi tal-logħob u f'postijiet oħra li jintużaw fl-iskola. Għad għandna sitwazzjonijiet f'xi skejjel fejn hemm wisq

tfal fi spazju wisq limitat. Dan hu ta' detriment għat-tfal, għall-edukaturi li ma jistgħux jiżvolġu xogħolhom kif suppost u finalment għal pajjiżna.

- **Spazju għall-edukaturi** – Għandna niżguraw li l-ispazju għall-edukaturi tagħna biex ikunu jistgħu jaħdmu fuq korrezzjoni, preparazzjoni, tfassil ta' lezzjonijiet, skemi ta' xogħol u ħwejjeġ edukattivi oħra. Irridu naraw li l-*istaff rooms* ikunu spazjużi biżżejjed u adatti għall-ħtiġijiet tal-lum u mgħammra bl-għodda kollha li jista' jkun hemm bżonn.

- **Spazju kurrikulari għal attivitajiet extra kurrikulari** – Il-fissazzjoni li bħal donnu għandu dan il-pajjiż li jbella' kemm jista' jkun materjal u informazzjoni lill-istudenti, minflok ngħallmuhom jirriċerkaw u jakkwistaw indipendenza intellettwali, qed joħnoq il-ħin tal-iskola b'suġġetti kurrikulari vasti li ħafna studenti jqisuhom bħala irrelevanti. Għaldaqstant, hemm bżonn li din is-sitwazzjoni tkun indirizzata minnufih.

- **Co-Education** – Il-fatt li f'dal-pajjiż għadna lanqas ikkunsidrajna li nieħdu deċiżjoni politika dwar il-*Co-Education*, b'eċċezzjoni għal skola tal-isport li se tkun limitata biss għal klassi waħda għall-aqwa atleti, juri kemm għadna lura fil-mentalita` tal-edukazzjoni.

- **Uniformijiet** – Il-Union tistaqsi jekk wasalx iż-żmien li nirrevedu l-politika tal-uniformijiet u naraw x'qed jiġri fl-Ewropa ta' madwarna u x'turi riċerka akkademika fuq dan l-aspett.

- **Saħħa u Sigurta` Fuq il-Post tax-Xogħol** – Fil-Memorandum għall-Partiti Politiċi ppreżentat qabel l-Elezzjoni Ġenerali tal-2008, l-MUT kienet diġa` għamlet sottomissjonijiet dwar dan is-suġġett. Bla preġudizzju għal dawk ir-rakkomandazzjonijiet, l-MUT tisħaq li:

  - L-Artiklu 8 (2) tal-Occupational Health and Safety Aurtority Act – Act XXVII of 2000 għandu jiġi emendat sabiex ikun hemm proviżjon għal tliet membri innominati mit-Trade Unions biex jirrappreżentaw l-interessi tal-ħaddiema.

  - Il-proviżjon milħuq fil-Ftehim Settorjali tal-Edukazzjoni, iffirmat bejn il-Gvern u l-MUT fl-2010 dwar il-*College Health and Safety Representatives* għandu jiġi implimentat mill-aktar fis possibbli.

  - Għandu jkun hemm proviżjonijiet adegwati biex isiru *Risk Assessments* kull meta jkun neċessarju jew mitlub mir-rappreżentanti tal-ħaddiema. Il-leġislazzjoni Maltija teżenta lil min iħaddem li jimpjega inqas minn ħames impjegati milli jżomm dokumentazzjoni ta'

*risk assessments*. L-MUT issostni li dan mhux aċċettabli, kif ukoll li l-Artiklu 10 (2) tal-Avviż Legali 36/2003 għandu jiġi emendat biex jirrifletti b'mod korrett id-Direttiva Ewropea fir-rigward. L-MUT tirreferi wkoll għall-ġudizzju mill-Qorti Ewropea kontra l-Ġermanja fejn din il-Qorti stabbiliet li anke kumpanija żgħira trid iżżomm rekord ta' *risk assessments*.

- Għal darba oħra l-MUT ittenni li l-kundizzjonijiet elenkati fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 327.12 "National Minimum Conditions for All Schools Regulations" (Avviż Legali 196 1994) għandu jiġi rispettat *in toto*. L-MUT ma tistax ma tosservax it-tħassib serju tagħha li minkejja li din il-leġislazzjoni ilha aktar minn 22 sena in vigore għad fadal skejjel li mhumiex kompletament konformi magħha.

## L-Edukazzjoni u l-Istatistika – L-istatistika isservi l-edukazzjoni u mhux viċi versa.

Bħal kull pajjiż ieħor fl-UE, Malta wkoll hi suġġetta għal metodi ta' kejl statistiku fuq il-progress edukattiv. Meta wieħed iqis il-ġrajjiet diversi li għadda minnhom pajjiżna matul is-snin, li fissru li l-bibien tal-unika Universita` li għandna nfetħu beraħ biss fi snin riċenti, hu loġiku li r-riżultati tagħna ma jikkumparawx tajjeb wisq ma' pajjiżi oħra Ewropej li ilhom deċenji sħaħ iħaddnu politika iktar miftuħa fejn tidħol l-edukazzjoni terzjarja. Pajjiżi oħra ħadu snin twal biex tejbu s-sitwazzjoni tagħhom u hekk għandna nagħmlu aħna. Għandna noqogħdu attenti li nevitaw sitwazzjonijiet fejn nieħdu deċiżjonijiet mgħaġġla sempliċiment biex l-istatistika ma tkunx daqshekk imgħarrqa. Deċiżjonijiet mgħaġġla, illum ma jagħmlu l-ebda ġid fit-tul u jista' jkun li jindirizzaw is-sintomu tal-problema u mhux il-kawża.

Ma' dan jiġi miżjud il-fatt li bl-istrateġiji li qed naddottaw jista' jkun li qed nindirizzaw biss l-istatistika dwar iż-żgħażagħ li ma jkomplux l-istudji tagħhom wara l-edukazzjoni obbligatorja. Jekk nagħrblu x'qed jiġri nindunaw li qed jisplodi 'l fuq in-numru ta' żgħażagħ li qed jabbandunaw l-istudji tagħhom wara biss ftit xhur fl-MCAST, fl-ITS u istituzzjonijiet oħra. Dan ifisser li fir-realta` l-unika ħaġa li qed nagħmlu hu li npaxxu l-istatistiċi. Hemm tendenza wkoll li l-livell tal-korsijiet u l-istituzzjonijiet affetwati qed jonqos minħabba dan il-fenomenu.

## Għawdex – Niżguraw li l-iskejjel kollha Għawdxin ikollhom l-istess benefiċċji bħal dawk Maltin

L-Għalliema u l-edukaturi kollha Għawdxin se jkollhom fuqhom xejn inqas minn ħames diretturi ġenerali – 3 tal-Edukazzjoni (DES, DQSE, DCS) u tnejn mill-Ministeru ta' Għawdex. Nemmnu li wasal iż-żmien li biex tiġi evitata konfużjoni, burokrazija żejda u problemi li din iġġib magħha, l-iskejjel kollha ta' Għawdex għandhom ikunu biss taħt id-Direttorati tal-Edukazzjoni, li wara kollox huma responsabbli għall-iskejjel kollha f'pajjiżna. B'dan niżguraw trasparenza u ekwita u nnaqqsu l-burokrazija bla bżonn. Barra minn dan, niżguraw li l-iskejjel Għawdxin ikollhom l-istess opportunitajiet ta' dawk Maltin u viċi versa.

Fid-dawl tal-fatt li bejn Malta u Għawdex it-traġitt hu biss ta' madwar nofsiegħa u jekk issir il-mina jew il-pont it-traġitt jonqos għal ftit minuti, l-MUT tistenna li l-Gvern jindirizza l-fatt li l-Ministeru tal-Edukazzjoni u d-direttorati ta' taħtu kapaċi jieħdu ħsieb l-iskejjel Għawdxin daqs dawk Maltin u darba għal dejjem insolvu s-sitwazzjoni ambigwa li teżisti f'Għawdex. Barra minn dan l-MUT taqbel u tinkoraġġixxi lill-Gvern biex tinstab soluzzjoni malajr għall-bini tal-mina jew pont bejn iż-żewġ gżejjer. Minħabba r-restrizzjonijiet li jeżistu qed tinbidel drastikament id-demografija Għawdxija b'effetti negattivi fuq il-Kulleġġ ta' Għawdex u fuq l-industriji u l-ħaddiema Għawdxin. Dan l-iżvilupp jgħin ukoll lil mijiet ta' edukaturi Għawdxin li ta' kuljum jaqsmu għal Malta biex jaħdmu.

## Il-Pensjonijiet u l-Irtirar

Filwaqt li l-MUT tirrikonoxxi l-ħtieġa tar-riforma fil-pensjonijiet sabiex dawn jibqgħu ikunu sostenibbli fis-snin li ġejjin, l-MUT tħeġġeġ li l-impatt ta' riforma bħal din tkun meqjusa sew sabiex tittieħed l-aħjar deċiżjoni għall-ġid tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin. Il-Union ma tistax ma tirrikonoxxix il-ħidma ta' tant edukaturi li għal snin twal stinkaw sabiex uliedna jkollhom l-aħjar formazzjoni edukattiva. Għaldaqstant kull benefiċċju soċjali mistħoqq għandu jkun assigurat fid-dawl tal-kontribuzzjonijiet li dawn l-edukaturi taw lis-soċjeta` matul is-snin. Il-parteċipazzjoni fil-qasam tax-xogħol tal-edukaturi li laħqu l-eta` tal-irtirar m'għandhiex tieqaf hemm iżda għandhom jinħolqu inċentivi sabiex kull min iħossu li għadu jista' jagħti kontribut, ikompli jagħmel dan mingħajr ix-xkiel ta' burokraziji żejda u b'remunerazzjoni xierqa li tirrikonoxxi l-esperjenza u l-ħiliet tal-individwu u tagħtih id-dinjita` mistħoqqa.

Il-futur ta' ħafna edukaturi, li fil-preżent qed jedukaw lill-istudenti tagħna, qiegħed ikun imtappan minn xniegħat dwar it-tmexxija tal-eta` tal-irtirar, il-ħtieġa ta' finanzjament privat li jagħmel tajjeb għal perjodu ta' wara l-irtirar u għajdut ieħor li ma jagħmel l-ebda ġid. Għalhekk, il-Union tappella lill-politiċi sabiex jiċċaraw darba għal dejjem il-proposti tagħhom f'dan il-qasam. Dawn il-proposti għandhom ikunu ibbażati fuq studji xjentifiċi li jagħtu stampa oġġettiva tas-sitwazzjoni preżenti u joffru previżjonijiet kredibbli tax-xejriet fil-qasam tal-impjiegi fis-snin li ġejjin.

## Kwalifiċi

L-MUT temmen li wasal iż-żmien li l-*Malta Qualifications Council* (MQC) jittella’ f’livell ta’ Awtorita`. Hekk biss inkunu nistgħu niżguraw li l-kwalifiċi u l-korsijiet li qed jiġu offruti fil-livell post sekondarju u terzjarju jkunu kollha tal-istess livell u impenn. Mhux aċċetabbli li tingħata l-impressjoni li studenti f’istituzzjoni għandhom inqas xogħol għal kwalifika komparabbli f’istituzzjoni oħra, anke jekk din l-impressjoni hi żbaljata.

Barra minn dan, l-MUT temmen li wasal iż-żmien li l-MQC issir regolatur tal-kwalifiċi u l-korsijiet post-sekondarji kollha li isiru f’pajjiżna.

L-MQC għandha wkoll tingħata l-għodda u r-riżorsi meħtieġa sabiex tkun tista’ tevalwa l-esperjenza industrijali tal-individwu u ssarrafha fi kwalifiċi paralleli sabiex jiġi żgurat li ħaddiem li għandu esperjenza vasta fuq il-lant tax-xogħol jingħata l-valur li jistħoqqlu.

Barra minn dan, għandha tinħoloq entita` li għandha tkun operatur awtonomu tal-eżamijiet tal-livell ordinarju, intermedjarju u avvanzat u tingħata riżorsi biex tħaddem sistemi ta’ assessjar kontinwu li l-Maltin kapaċi jagħmlu tajjeb daqs il-barranin. Bhekk l-istudenti u l-familji Maltin jiffrankaw eluf kbar ta’ flus li qed jispiċċaw barra minn xtutna.

## Universita` Oħra

Filwaqt li l-MUT ma ssibx diffikulta` li f’pajjiżna jkollna universita` oħra, il-Union temmen li l-ewwel u qabel kollox għandha tissaħħaħ l-Univerista` preżenti u tingħata riżorsi biex issir ċentru ta’ eċċellenza fir-riċerka daqskemm fit-tagħlim. Irid ikollna l-kuraġġ li nagħrblu sew fejn nistgħu ntejbu l-Universita` sabiex din l-istituzzjoni storika u prestiġġjuża tingħata l-għarfien internazzjonali li jixirqilha, anke` fil-qasam tar-riċerka.

## Sapport u Awtonomija fl-Iskejjel

Ix-xogħol klerikali u amministrattiv fl-iskejjel kollha, kull ma jmur qed jiżdied. Minkejja dan l-ammont ta' staff klerikali u amministrattiv jew naqas jew baqa' l-istess. Għalkemm it-teknoloġija ġabet magħha ċertu progress, ġabet magħha wkoll ħafna iktar xogħol. Biss biss, il-volum ta' korrispondenza li qed tasal fl-iskejjel, jekk wieħed jinkludi l-*emails*, żdied b'qawwa. Ma' dan jiżdied il-fatt li s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fissret ħafna iktar xogħol amministrattiv.

Din is-sitwazzjoni qed tfisser li l-Kapijiet tal-iskejjel u l-Assistenti Kapijiet qed jispiċċaw imkaħħlin għal sigħat twal fuq xogħol amministrattiv u ftit li xejn qed isibu ċans biex jiżvolġu x-xogħol primarju tagħhom, jiġifieri dak kurrikulari. Dan ifisser li ħafna edukaturi li jkunu qed jiffaċċjaw il-klassijiet rispettivi tagħhom qed iħossu dejjem iktar li l-amministraturi tal-iskejjel tagħhom huma inqas aċċessibbli u bhekk qed jinħoloq ċirku vizzjuż li qed iwassal għal tensjoni bla bżonn mill-partijiet kollha u nuqqas ta' sapport reċiproku. L-MUT tistenna li l-ewwel priorita` ta' kull Gvern tkun li jindirizza din il-problema minnufih b'azzjonijiet konkreti u tanġibbli.

Intant, riċerka qed turi li l-awtonomija tal-iskejjel minflok kibret, kif kien maħsub, naqset. Għandna sitwazzjoni fejn xi Prinċipali fl-iskejjel tal-iStat jieħdu r-rwol ta' Kap ta' skola enormi, rwol li hu kompletament inkompatibbli mar-rwol propju ta' Prinċipal ta' Kulleġġ. Għandna wkoll sitwazzjoni fejn xi Kapijiet tal-iskola, minħabba nuqqas serju ta' taħriġ, qed jitfixklu r-rwol tagħhom u qed iħallu lill-Prinċipali tal-Kulleġġi rispettivi tagħhom jieħdu deċiżjonijiet li suppost jieħdu huma. Hemm bżonn ta' taħriġ serju lill-Prinċipali u l-amministraturi tal-iskejjel, liema taħriġ għandu jkun ħolistiku.

## Edukazzjoni obbligatorja – Riforma wkoll ġol-klassi, fejn l-iktar hemm bżonnha

Meta jitqiesu r-riformi li qed jiġu introdotti fil-qasam edukattiv u l-enfasi li qed issir dejjem iktar fuq tagħlim diversifikat skont l-abbiltajiet tal-istudenti, hu impossibbli li ma jiġux indirizzati l-popolazzjonijiet ġol-klassi. Biex l-edukazzjoni inklussiva u diversifikata taħdem, bilfors irid ikun hemm inqas tfal. Għad

għandna klassijiet mill-Kinder sas-Sekondarja li n-numru tagħhom ma jippermettix li jsir tagħlim diversifikat kif suppost. Fil-pajjiżi fejn l-edukazzjoni hi suċċess, il-klassijiet huma iżgħar. Mhux biss, huma wkoll ibbażati fuq simulazzjoni tal-ambjent tad-dar b'inqas formalita` u b'ħafna iktar attenzjoni individwali.

## Trasparenza u ġustizzja fl-applikazzjonijiet interni

Għandu jiġi żgurat li l-applikazzjonijiet interni ta' responsabbilta` speċjali (bħal għalliema peripatetiċi u oħrajn) jimxu bi proċess trasparenti u ġust mill-bidu sal-aħħar. L-MUT ilha snin tissuġġerixxi li s-sistema tal-intervisti interni għandha tinbidel f'waħda li tagħmel ġustizzja mistħoqqa mill-esperjenza. Nemmnu li għal ħafna ragunijiet, il-marka tal-intervista tal-għalliema għal postijiet ta' responsabbilta` speċjali, għandha tinkludi element aktar wiesgħa marbut mal-esperjenza tal-individwu, kif ukoll ir-rekord tal-ħidma tal-individwu fil-qasam edukattiv. Min-naħa l-oħra, wasal iż-żmien li s-sehem tal-Uffiċjal Edukattiv waqt l-intervista biex jinħatru għalliema għal postijiet ta' responsabbilta` speċjali tas-suġġett tiegħu/tagħha stess, jiġi rivedut għall-ġid tal-għalliema involuti u tal-Uffiċjali Edukattivi.

## Il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST)

L-MCAST twaqqaf bħala Kulleġġ għall-edukazzjoni vokazzjonali. Għandu jkun il-mira ta' kull Gvern li din ir-realta` tiġi sostnuta u żviluppata. Ikun żball fundamentali jekk l-MCAST isir kompetitur tal-Universita` ta' Malta u jkun żball akbar jekk l-alternattiva vokazzjonali għaż-żgħażagħ tonqos biex toħloq spazju għal iktar edukazzjoni akkademika li wieħed jista' jibbenefika minnha fl-Universita`. L-MCAST għandu jkompli jissaħħaħ biex jilqa' fih dawk l-istudenti li għandhom ħiliet vokazzjonali f'diversi aspetti.

## L-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS)

L-ITS hi istituzzjoni speċjalizzata li toffri opportunita` lil ħafna żgħażagħ biex jitgħallmu professjoni jew sengħa relatata mal-ospitalita` u t-turiżmu. Din l-Istituzzjoni pprovdiet lil Malta b'diversi persuni ta' ħila kbira f'dan il-qasam matul is-snin. Għaldaqstant il-Union temmen li din l-istituzzjoni, li hi l-mutur ta'

wieħed mill-pilastri ekonomiċi f'pajjiżna, għandha tissaħħaħ u tingħata iktar riżorsi umani u spazju biex tespandi l-operat tagħha fuq livell nazzjonali u internazzjonali.

## Skejjel tal-iStat

Filwaqt li tirrikonoxxi d-diversi skejjel ġodda li nbnew matul dawn l-aħħar snin, l-MUT ma tistax ma tinnutax li hemm ħafna skejjel li għandhom bżonn manutenzjoni kontinwa, u f'xi każi anke ristrutturar. Irridu naħdmu flimkien biex niżguraw li r-riżorsi li għandna jintefqu tajjeb u l-edukaturi u l-istudenti kollha jkunu jistgħu jgħallmu/jitgħallmu f'postijiet xierqa u attraenti. L-iskejjel għandhom jingħataw iktar fondi biex fejn hu possibbli jkunu jistgħu jiżvolġu xi xogħlijiet huma stess. B'hekk ix-xogħol ikun jista' jsir skont l-esiġenzi tal-iskola partikolari f'inqas żmien.

Hemm bżonn jiġi żgurat li fl-iskejjel kollha ssir manutenzjoni kontinwa u kull skola tiġi mgħammra biex sistemi ġodda elettroniċi jkunu jistgħu jiġu mħaddma kif suppost. Il-Gvern għandu jassigura li jkun hemm biżżejjed ħaddiema biex jieħdu ħsieb l-indafa u l-manutenzjoni u li dawn il-ħaddiema ma jkunux qed jaħdmu b'xogħol prekarju.

Barra minn dan, wasal iż-żmien li niżguraw li jingħataw aktar riżorsi lill-edukaturi fil-klassijiet li fl-aħħar mill-aħħar jagħmlu d-differenza ma' uliedna.

## Skejjel tal-Knisja u Indipendenti

L-iskejjel tal-Knisja u dawk Indipendenti jiġbru fihom għadd konsiderevoli ta' tfal u jġorru parti sostanzjali mill-piż li kieku jġorr il-Gvern biex jedukahom. Għaldaqstant dawn is-setturi għandhom jingħataw għajnuna fejn hu possibbli biex ikomplu jagħtu edukazzjoni ta' kwalita` filwaqt li niżguraw li l-għażla tkun dejjem miftuħa kemm jista' jkun.

Irid ikun hemm ukoll impenn mill-Gvern sabiex jipprovdi l-istess riżorsi u opportunitajiet lill-edukaturi u studenti fl-iskejjel tal-Knisja, b'mod partikolari fid-dawl tal-ftehim li għandu mas-Santa Sede. Irid ikun hemm provvediment li jkun hemm iktar professjonisti ta' appoġġ lit-tfal f'dawn l-iskejjel skont ir-rati

stabbiliti jew tal-anqas ikun estiż is-servizz li jingħata mid-Direttorat tas-Servizzi għall-Istudenti lill-iskejjel kollha Maltin u Għawdxin, inkluż dawk mhux Statali.

## Riformi

L-edukazzjoni f'Malta għaddiet minn numru konsiderevoli ta' riformi fi żmien qasir wisq. Ħafna mill-edukaturi wrew dan il-ħsieb fl-istudju kkummisjonat mill-Union u dan jirrifletti realta` fejn l-edukaturi tagħna qed iħossuhom għajjenin bit-tibdil kollu li qed iseħħ u li diġa` seħħ. Għaldaqstant, il-Union tappella biex qabel ma jkomplu jitwettqu riformi oħrajn, niefqu u nagħtu ċans lill-edukaturi jidraw is-sistemi ġodda li daħlu fis-seħħ. Dan sabiex l-edukaturi, li wara kollox iridu jwettqu dawn ir-riformi mal-istudenti, ikunu jistgħu jiddedikaw ħinhom għat-tagħlim u l-ħtiġijiet tal-istudenti tagħhom.

## Ħaddiema maż-Żgħażagħ (Youth Workers) fil-Komunita`

Hemm bżonn urġenti, kif imsemmi iktar 'il fuq, li nindirizzaw lit-tfal u ż-żgħażagħ mhux biss fl-iskejjel iżda anke fil-familji u fil-komunitajiet. Ma nistgħux nifhmu xi ħtiġijiet għandhom ħafna familji Maltin, u gruppi li jifformaw xi sotto kultura, jekk ma nisimgħuhomx u ma nintegrawx magħhom. Dan it-tip ta' xogħol ma jistax isir mill-edukaturi tal-edukazzjoni formali iżda jrid isir bilfors f'kuntest ta' informalita` u non-formalita`.

Biex jintlaħaq dan l-iskop, pajjiżi oħra fl-Ewropa ilhom għexieren ta' snin jimpjegaw Ħaddiema maż-Żgħażagħ (Youth Workers) speċjalizzati li f'kuntest informali jagħtu sapport kontinwu liż-żgħażagħ u jħarrġuhom għall-ħajja. Dan isir billi jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu independenza intelletwali u soċjali u b'hekk narmawhom bil-kapaċitajiet li jieħdu l-aqwa deċiżjonijiet possibbli, u jevitaw kemm jista' jkun diffikultajiet li jistgħu jxekklu l-iżvilupp tagħhom.

Meta wieħed jikkonsidra li għal pajjiż bħal tagħna kull individwu hu importanti, ma nistgħux ma nqisux li żvilupp bħal dan hu investiment li fit-tul se jiffranka lil pajjiżna miljuni ta' Ewro fi spejjeż ta' natura soċjali.

## Studenti b'Imġiba Diffiċli – Każijiet fejn l-Inklużjoni Tfalli

Hemm bżonn li jitnieda studju u jittieħdu passi konkreti b'mod urġenti dwar x'għandu jsir f'każijiet fejn ikollna studenti b'imġiba diffiċli ħafna fl-iskejjel. Dan japplika wkoll għal studenti fejn l-iskema inklussiva mhux biss qed tfalli magħhom iżda qed tkun falliment ukoll fil-kuntest tal-kumplament tal-klassi u/jew l-iskola. Iridu jittieħdu miżuri biex deċiżjonijiet finali dwar il-ġid edukattiv tal-istudenti f'każijiet bħal dawn jittieħdu mill-professjonisti edukattivi. Sitwazzjonijiet fejn ġenituri ikollhom dritt għall-veto fuq deċiżjonijiet li huma għal ġid ta' uliedhom stess, kemm–il darba irriżultaw f'fallimenti u assentejiżmu.

Għandha tissaħħaħ is-sistema ta' żoni ta' tagħlim għal dawk l-istudenti li għandhom problema ta' imġiba, jissaħħaħ u jiġi faċilitat il-proċess biex l-istudenti jintbagħtu fiċ-ċentri ta' tagħlim f'każ ta' bżonn. Barra minn dan, l-iskejjel u l-kulleġġi għandhom jingħataw is-setgħa li jkunu jistgħu jieħdu azzjonijiet dixxiplinarji konkreti fil-konfront ta' studenti li ma jridux jikkollaboraw mal-għalliema tagħhom u mal-bqija ta' sħabhom. Għad għandna studenti li jtellfu lil sħabhom il-ġurnata kollha, jisfidaw l-awtorita` tal-għalliema u tal-kapijiet tal-iskejjel u ftit li xejn tittieħed azzjoni fuqhom. Dan għax l-iskejjel mhux qed isibu sostenn mid-Direttorati. Anzi kellna każijiet fejn min ipprova jieħu xi azzjoni spiċċa jiffaċċja azzjoni dixxiplinarja kontra tiegħu/tagħha stess. Hemm bżonn urġenti li jiżdiedu l-Prefetti tad-Dixxiplina u jingħataw l-għodda, jekk hemm bżonn anke b'leġislazzjoni, sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni malajr u b'mod effettiv. Ma jistax ikun li minħabba student/a jew tnejn, klassijiet sħaħ jibqgħu lura.

Barra minn hekk, għandhom jissaħħu ċ-ċentri ta' tagħlim tal-Marsa, Pieta`, Furjana u Naxxar li fihom isiru programmi estensivi ma' tfal vulnerabbli li ma jkunux jistgħu jintegraw fl-iskejjel prinċipali. Dan isir billi jingħataw iktar riżorsi u jingħataw ukoll sapport u flessibilita` biex jimplimentaw diversi programmi ma' diversi studenti. Hemm bżonn li jinfetaħ ċentru ieħor fil-kulleġġ ta' Għawdex sabiex dawn is-servizzi jingħataw aħjar. Meta wieħed iqis il-vulnerabbilta` ta' dawn l-istudenti għandu jkun hemm ukoll qafas legali sabiex l-edukaturi jkunu protetti f'każ ta' inċidenti ta' ċertu serjeta`. Dan sabiex l-edukaturi jkunu jistgħu jieħdu l-passi meħtieġa għall-ġid tal-istudenti.

## Suġġetti Vokazzjonali u Alternattivi

L-għeluq tal-iskejjel tas-snajja ġab miegħu vakum f'dawk li huma suġġetti vokazzjonali fil-livell sekondarju. Għalkemm is-suġġetti vokazzjonali huma mitħarrġa fl-MCAST, fil-livell post-sekondarju, hu evidenti li ħafna studenti kemm fil-livell primarju u aktar fil-livell sekondarju, jixtiequ li jkollhom aktar suġġetti vokazzjonali biex ikunu jistgħu jitgħallmu l-kurrikulu b'mod alternattiv jew jitgħallmu suġġetti oħra barra l-kurrikulu akkademiku. Meta wieħed iqis li fl-iskejjel tagħna għandna għadd ta' għalliema mħarrġa u esperti f'diversi snajja, hi ħasra li l-potenzjal sħiħ ta' dawn l-għalliema qiegħed jintilef. L-MUT qed tħeġġeġ biex fil-qafas tal-kulleġġi jingħata spazju għal dawk l-istudenti li jixtiequ jitgħallmu xi sengħa jew oħra. Dan jista' jsir billi f'kull kulleġġ ikun hemm ċentru tas-snajja li jintuża b'rotazzjoni mill-iskejjel sekondarji tal-istess kulleġġ, b'sistema simili għal dik tal-attivitajiet sportivi li qed titħaddem fis-suġġett tal-*PE Options*. Fadal ukoll skejjel li għad għandhom diversi ħwienet tax-xogħol mgħammra b'apparat speċjalizzat. Dawn jistgħu jsiru ċentri ta' eċċellenza fis-snajja u l-istudenti Maltin ikunu jistgħu jżuru dawn iċ-ċentri b'sistema nazzjonali ta' roster biex jitgħallmu u jitħarrġu f'suġġetti ta' snajja.

Ħafna suġġetti ta' snajja huma vitali għal dan il-pajjiż li jiddependi ħafna fuq it-turiżmu. L-istudenti li għandhom talenti speċifiċi għandhom jingħataw kull mezz biex in-namra għal dawn is-snajja tiżviluppa f'eta` bikrija sabiex niżguraw li snajja importanti għall-ekonomija *micro* tal-pajjiż, kif ukoll snajja tradizzjonali, jibqgħu ħajjin u jespandu. Dawn is-snajja jistgħu jkunu essenzjali fl-industrija tat-turiżmu u għaldaqstant m'għandhomx jintilfu.

Barra minn hekk, wasal iż-żmien li nagħrfu li fl-iskejjel tagħna, aktar minn qatt qabel, għandna sitwazzjoni ta' diversita` dejjem qed tiżdied. Hemm bżonn urġenti li nindirizzaw lil dawk it-tfal li għandna fl-iskejjel tagħna li ma jitgħallmux is-suġġett tar-reliġjon, liema suġġett hu msejjes fuq id-duttrina Kattolika. Hemm bżonn li jsiru suġġetti alternattivi li jikkonċentraw fuq apprezzament tar-reliġjonijiet kollha u/jew etika. Marbuta ma' dan hemm bżonn ukoll li ssir reviżjoni tal-mod kif qed jinħatru l-uffiċjali edukattivi tar-reliġjon u l-għalliema tal-istess suggett fejn għandna xenarju uniku fejn uffiċjali pubbliċi jiddependu mill-barka tal-Knisja f'Malta sabiex ikunu jistgħu jaħdmu. F'pajjiż sekulari dan l-arranġament qajla hu aċċettabbli u l-isfond storiku ma jiġġustifikax is-sitwazzjoni anomala.

## Għeluq

L-MUT ilha snin twal twassal il-ħsibijiet tagħha lill-Partiti Politiċi u dejjem ikkollaborat ma' kull min kellu l-bżonn.  Il-Union, bħala għaqda apolitika, għandha għal qalbha l-ġid tal-edukaturi kollha u tal-istudenti kollha Maltin u Għawdxin. Din hi l-priorita` assoluta, lil hinn minn kull interess politiku partiġġjan. Għaldaqstant, il-Union tittama li dan id-dokument mhux biss jiġi milqugħ mill-politiċi ta' pajjiżna, iżda jkun inkorporat fil-proposti relattivi tagħhom.